11 ta' Diċembru, 1950.

Imħallfin :—

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Giuseppe Tabone et.** *versus* **Ursola Farrugia et.**

**Ritrattazzjoni — Interess — Terzi — Lokazzjoni — Sullokazzjoni — Żgumbrament — Art. 814 u 815 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Ir-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa mogħti mill-liġi fuq talba tal-partijiet li jkollhom interess. Din l-espressjoni "partijiet li jkollhom interess" ma tfissirx illi r-ritrattazzjoni tista' tiġi mitluba minn "kull min għandu interess", imma biss minn dawk in-nies li bejniethom tkun saret il-kontestazzjoni fl-ewwel ġudizzju.*

*Ir-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa rimedju straordinarju li jidderoga għall-prinċipju ta' l-irrevokabilità tal-ġudikati, u għalhekk ma jammettix interpretazzjoni estensiva; u la darba l-liġi tillimitah għall-partijiet li jkollhom interess, ma għandux jiġi estiż għal kull persuna oħra li jkollha dak l-interess.*

*Il-kelma "partijiet" però ma tikkomprendix biss dawk li materjalment u personalment hadu sehem fil-gudizzju, imma anki dawk li jkunu ipparteċipaw fil-gudizzju guridikament "per representationem".*

*Is-sullokazzjoni, u differenza tac-cessjoni ta' drittijiet, toħloq kuntratt gdid ta' kiri, li għalih sid il-kera prinċipali huwa totalment estraneu u li huwa nettament distint mill-kuntratt originarju tal-kirja prinċipali; u għalhekk, quddiem sid il-kera, is-subinkwilin huwa terza persuna.*

*Għaldaqstant, f'kawża ta' żgumbrament li ssir bejn sid il-kera u l-konduttur, is-subkonduttur mhux rappreżentat mill-konduttur u ma kellux parti fil-gudizzju. U għalhekk, is-subkonduttur li jsib ruħu żgumbrat bis-saħħa tas-sentenza li tiġi mogħtija f'dak il-gudizzju, li fih huwa ma kienx ħa sehem, ma għandux dritt jitlob ir-ritrattazzjoni ta' dik il-kawża, avvolja fiha ġie ordnat l-iżgumbrament; salvi d-drittijiet kollha li jista' jkollu skond il-liġi biex jevita dak l-iżgumbrament.*

Il-Qorti — Wara li rat ir-rikors ta' Consiglio Busuttil quddiem il-Board li jirregola l-Kera li ppremetta li b'rikors preżentat quddiem dak il-Board li jirregola l-Kera l-imsemmi Tabone kien talab kontra l-imsemmijin Farrugia biex jieħu pussess tal-fond no. 4, Mater Boni Consilii Street, iż-Żejtun, subaffittat u okkupat minnu (Busuttil), fuq il-motiv li l-intimati ssublokaw il-fond bla permess, u li l-inkwilini naqsu mill-puntwalità; li l-intimati baqgħu kontumaċi, u għalhekk dak il-Board, b'sentenza tat-23 ta' Jannar 1950, iddeċieda a favur ta' l-istanza, u ta lill-intimati xahrejn żmien għall-iżgumbrament; illi fis-17 ta' April 1950, bla ebda pre-avviż, il-marixxall mar fir-residenza ta' l-imsemmi Busuttil biex jeżegwixxi forzożament mandat ta' żgumbrament li ġie maħruġ minn dak il-Board fuq talba ta' Giuseppe Tabone kontra Ursola u Giovanni Farrugia, u b'hekk l-esponent sar jaf b'dik is-sentenza; li huwa (Busuttil) għandu dritt li jitlob ir-ritrattazzjoni ta' l-kawża mħabba f'qerq da parti tant ta' l-attur kemm ta' l-intimati, għad-dannu tiegħu. Difatti hu ilu subinkwilin tal-fond sa mis-sena 1942 (dok. A), u l-kera fil-bidu kien ta' £9 fis-sena, u fuq talba tiegħu quddiem dak il-Board il-kera ġie stabbilit, b'sentenza tat-8 ta' Lulju 1946, għal £6 fis-sena (dok. B); is-sid sar jaf b'dina s-sentenza, u rriduċa huwa wkoll l-kera konformement lill-inkwilina prinċipali,

wara li dina għamlet ukoll talba quddiem dak il-Board; għa hekk hu (Busuttil) kellu drittijiet kweżiti għal-lokazzjoni saret l'epoka meta s-sullokazzjoni kienet espressament pe messa mil-liġi; li għalhekk it-talba kienet tista' ssostni ru ħa biss fuq id-difett ta' puntwalità; dina però, kieku l-kawż insteng ħet, ma kienetx tirriżulta, għax ir-rikorrent (Tabone mhux biss qatt ma għamel domanda għall-ħlas tal-kera, imir dejjem irrifjuta li jirċevih, għahex ma riedx jitħallas bir-rat stabbilita minn dak il-Board, u għalhekk il-fatt tal-kontuma ja da parti ta' l-intimati juri kollużjoni evidenti bejniethom għad-dannu tiegħu (Busuttil); u li dawna l-fatti juru 'dolo u għalhekk, skond l-art. 814 (a) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ci vili, u anki skond id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 109 tal-Liġi jiet ta' Malta, dik is-sentenza hija ritrattabili; u talab li tiġ revokata s-sentenza mogħtija minn dak il-Board fir-rikor "Giuseppe Tabone vs. Ursola Farrugia" fit-23 ta' Jannar 1950, minħabba "dolo" tal-partijiet, jew ta' min minnhom għas-svantaġġ tiegħu (Busuttil), u li tiġi ordnata r-ritrattaz zjoni ta' dik il-kawża, billi tiġi mbagħad miċħuda t-talba tar rikorrenti (Tabone). Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Board li jirregola l-Kera tas-6 ta' Settembru 1950, li ddeċidiet billi ddikjarat li l-imsemmi Consiglio Busuttil seta' jagħmel it-talba għar-ritrattazzjoni, u b'hekk ċaħad l-eċċezzjoni preliminari mogħtija minn Tabone, u ddifferixxa r-rikors għat-trattazzjoni fuq il-meritu, sija rigward il-ġustifikazzjoni tat-talba għar-ritrattazzjoni, u sija wkoll fuq il-meritu tar-rikors li kien ġie deċiż minn dak il-Board fit 23 ta' Jannar 1950, għas-seduta tad-9 ta' Ottubru 1950; spejjeż riżervati; billi kkunsidra;

Fuq il-kwistjoni jekk ir-rikorrent Consiglio Busuttil jistax jew le jitlob ir-ritrattazzjoni tas-sentenza "Tabone vs. Farrugia" deċiża fit-23 ta' Jannar 1950;

Illi l-fond kien ġie mikri lil Ursola Farrugia, u din fissena 1942 issubokatu lil Consiglio Busuttil. Ma hemmx bżonn li wieħed jinnota li dak iż-żmien kwalunkwe inkwilin seta' jissubloka anki mingħajr il-kunsens tas-sid, u d-dritt ta' dan li jirriprendi pussess tal-fond ġie dikjarat sospiż l-ewwel bil-Government Notice no. 51/1941, u mbagħad bil-Government

Notice no. 327/1945, fejn f'section 4 ġie dikjarat li "in respect of any subtenancy or assignment of the lease, created or made up to the date hereof (13 ta' Lulju 1945)............ the right of the lessor to recover possession of the premises, including a shop, by reason of a subtenancy or assignment of the lease created or made up by the tenant, shall continue and be deemed to have at all times continued, to be suspended". Din id-dispożizzjoni wara ġiet inkorporata fil-Kap. 109 Ed. Riv. LL. ta' Malta, avvolja mhux fi kliem identiku, bl-Ordinanza nru. XXVIII ta' l-1947;

Dana jġib għall-konklużjoni li Consiglio Busuttil kien qiegħed jokkupa l-fond b'titolu validu fil-liġi; u allura toħroġ il-konsegwenza li meta Giuseppe Tabone talab li jerġa' jieħu taħt idejh il-fond ma setax jaġixxi kontra l-lokatarju tiegħu biss, imma kien imissu intesta l-ġudizzju anki kontra l-okkupant leġittimu tal-fond — salva dejjem il-kwistjoni jekk is-subinkwilin mhux rikonoxxut jistax ikompli jiddetjeni l-fond jekk għal xi raġuni jew oħra, tkun xi tkun, il-lokatarju li minnu għandu kawża jiddekadi mid-drittijiet tiegħu di fronti għas-sid; għax avvolja dan huwa meritu, jista' jsib l-applikazzjoni tiegħu l-prinċipju invokat minn Tabone li "soluto jure dantis solvitur et jus accipientis";

Illi dwar min jista' jitlob ir-ritrattazzjoni, għandu jiġi innotat li l-Board ma jidhirlux li jista' jaqbel, la ma' l-interpretazzjoni li ta lil-art. 814 Proċedura Ċivili Consiglio Busuttil, u lanqas ma' dik li ta lill-istess artikolu l-intimat Tabone. Infatti, bla ebda tiġbid ta' l-immaġinazzjoni ma jista' wieħed jifhem li bil-kliem "any of the parties concerned", jew bil-Malti "kull waħda mill-partijiet li jkollha interess", il-liġi riedet tfisser espressament dawk il-persuni godda li jkunu istitwew il-ġudizzju ta' ritrattazzjoni. Imma dan ma jfisserx li hija korretta l-interpretazzjoni kuntrarja li l-ġudizzju tar-ritrattazzjoni jista' jiġi intentat biss minn dawk il-persuni li kienu parti fil-ġudizzju li jrid jiġi ritrattat. Infatti l-kliem tal-liġi huma "kull waħda mill-partijiet li jkollha interess"; u kieku l-liġi riedet tirrestrinġi d-dritt għat-talba tar-ritrattazzjoni għall-partijiet li jkunu partijiet fil-ġudizzju oriġinali, il-kliem "li jkollha interess" ma kienx ikollhom sens, għax il-partijiet huma dawk li bit-Taljan jissejħu "contendenti", u

dawn ma jistgħux ikunu biss dawk il-persuni li kienu dawk li bejniethom saret il-kontestazzjoni fl-ewwel ġudizzju. Allura, meta l-liġi tkellmet fuq "any of the parties concerned", huwa evidenti li riedet tagħti dak id-dritt lil kull min kien interessat; u Consiglio Busuttil, bħala okkupant leġittimu tal-fond, ma setax ma kienx interessat fi proċediment li lilu biss seta' jaffettra, u li ma setax jaffettra lil Ursola Farrugia, li ma kellha ebda interess li żżomm il-fond, speċjalment meta, minħabba s-sentenza li ffissat il-kera xieraq tal-post, kien naqsilha wkoll kwalunkwe interess pekunjarju;

Illi għalhekk, indipendentement mill-kwistjoni jekk kienx hemm jew le qerq da parti tal-partijiet, jew ta' waħda minnhom, għad-dannu ta' Consiglio Busuttil — dak li jikkostitwixxi l-meritu — u indipendentement ukoll mill-kwistjoni tar-rapporti li jista' jkun hemm bejn Giuseppe Tabone u Consiglio Busuttil, dan l-istess Consiglio Busuttil huwa persuna leġittima biex jistitwixxi dan il-ġudizzju ta' ritrattazzjoni;

Rat ir-rikors ta' l-imsemmi Giuseppe Tabone pr. et ne., li talab li d-deċiżjoni mogħtija mill-Board li jirregola l-Kera fis-6 ta' Settembru 1950 fuq imsemmija tiġi revokata, billi tiġi miċħuda t-talba tar-rikorrent Consiglio Busuttil għar-ritrattazzjoni, u tiġi milqugħa l-eċċezzjoni preliminari ta' l-appellant, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti li taw lok għal dan l-inċident jinsabu rakkontati fir-rikors ta' l-appellat Busuttil fuq imsemmi. Kienet saret kawża..............;

Ikkunsidrat;

Illi skond l-art. 814 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, "kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata.............." U skond l-art. 815 ta' l-istess Kodiċi, ir-ritrattazzjoni ta' kawża deċiża b'sentenza mogħtija minn Qorti ta' l-Ewwel Grad li għaddiet ġudikat tista' tingħata wkoll fuq talba tal-partijiet li jkollhom interess. Il-Board interpreta dawn l-aħħar kliem tal-liġi fis-sens li r-ritrattazzjoni tista' ssir mhux biss min-nies li bejniethom personalment saret il-kontestazzjoni fl-ewwel ġudizzju, iżda wkoll minn kull min

ghandu interess. Dina l-interpretazzjoni hekk estensiva mhix konsentita, la mit-test tal-ligi, u lanqas mill-principji dottrinali tad-dritt processwali. U tabilhaqq, ir-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa rimedju straordinarju, u kwantu jidderoga ghall-principju ta' l-irrevokabilità tal-gudikati; u ghalhekk ma jammettix interpretazzjoni estensiva. Il-ligi tillimita dak ir-rimedju ghall-"partijiet li jkollhom interess"; u mhux ghal kull min ghandu interess;

A propożitu, ighid il-Barbera :— Onde soltanto chi fu parte nel giudizio può proporre la domanda di revocazione delle sentenze pronunziate contro di esso; alle persone che vi rimasero estranee la sentenza non giova e non nuoce; e se per avventura un pregiudizio di fatto ne risentono, ricorrono al rimedio facoltativo della opposizione di terzo" (Dig. Ital. v. Revocazione delle Sentenze Civili, no. 99);

Mill-banda l-ohra, "partijiet" ma humiex dawk biss li materjalment u personalment hadu sehem fil-gudizzju, iżda anki dawk li jkunu pparteċipaw fil-gudizzju guridikament "per representationem". Ighid l-istess awtur fuq imsemmi :— "Per 'parte' s'intende chi giuridicamente partecipò al giudizio; quindi non solo il titolare, anche se legalmente rappresentato, ma altresì gli eredi, i successori e gli aventi causa a titolo particolare; s'intende che chi agisce in revocazione deve avervi interesse" (ibid.). Similmente ighidu Thomine-Desmazures (Commentario sul Codice di Procedura Civile, Tom. II, no. 532);

U tabilhaqq, "non potevasene dubitare per gli eredi, i quali debbano considerarsi come la medesima persona del loro autore; ed era anche giusto per i successori a titolo singolare e gli aventi causa, i quali rappresentano ugualmente, benchè solo rispetto ad una cosa particolare, la persona del loro autore" (Galdi-Pisanelli, Commentario del Codice di Procedura Civile, Vol. VI, no. 931). U Giuseppe Malnius jtenni l-istess taghlim, u jghid :— "Parte in causa si è tanto colui che in questa figura personalmente, come chi vi sia legittimamente rappresentato" (Dig. Ital. v. Cosa Giudicata, no. 62). F'dak il-każ ir-rappreżentanza legali taghhom teskludi fihom il-kwalità ta' terzi persuni; u ghalhekk, kif il-gudikat jagh-

dawn ma jistgħux ikunu ħlief dawk il-persuni li kienu dawk li bejniethom saret il-kontestazzjoni fl-ewwel ġudizzju. Allura, meta l-liġi tkellmet fuq "any of the parties concerned", huwa evidenti li riedet tagħti dak id-dritt lil kull min kien interessat; u Consiglio Busuttil, bħala okkupant leġittimu talfond, ma setax ma kienx interessat fi proċediment li lilu biss seta' jaffettwa, u li ma setax jaffettwa lil Ursola Farrugia, li ma kellha ebda interess li żżomm il-fond, speċjalment meta, minħabba s-sentenza li ffissat il-kera xieraq tal-post, kien naqsilha wkoll kwalunkwe interess pekunjarju;

Illi għalhekk, indipendentement mill-kwistjoni jekk kienx hemm jew le qerq da parti tal-partijiet, jew ta' waħda minnhom, għad-dannu ta' Consiglio Busuttil — dak li jikkostitwixxi l-meritu — u indipendentement ukoll mill-kwistjoni tarrapporti li jista' jkun hemm bejn Giuseppe Tabone u Consiglio Busuttil, dan l-istess Consiglio Busuttil huwa persuna leġittima biex jistitwixxi dan il-ġudizzju ta' ritrattazzjoni;

Rat ir-rikors ta' l-imsemmi Giuseppe Tabone pr. et ne., li talab li d-deċiżjoni mogħtija mill-Board li jirregola l-Kera fis-6 ta' Settembru 1950 fuq imsemmija tiġi revokata, billi tiġi miċħuda t-talba tar-rikorrent Consiglio Busuttil għar-ritrattazzjoni, u tiġi milqugħa l-eċċezzjoni preliminari ta' l-appellant, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti li taw lok għal dan l-inċident jinsabu rakkontati fir-rikors ta' l-appellat Busuttil fuq imsemmi. Kienet saret kawża...............;

Ikkunsidrat;

Illi skond l-art. 814 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, "kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata..............." U skond l-art. 815 ta' l-istess Kodiċi, irritrattazzjoni ta' kawża deċiża b'sentenza mogħtija minn Qorti ta' l-Ewwel Grad li għaddiet ġudikat tista' tingħata wkoll fuq talba tal-partijiet li jkollhom interess. Il-Board interpreta dawn l-aħħar kliem tal-liġi fis-sens li r-ritrattazzjoni tista' ssir mhux biss min-nies li bejniethom personalment saret il-kontestazzjoni fl-ewwel ġudizzju, iżda wkoll minn kull min

me! stat kontra tagħhom, bħala parti rappreżentata fil-gudizzju, hekk ukoll għandhom ir-rimedju tar-ritrattazzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi però, fis-sullokazzjoni jinħoloq kuntratt ġdid ta' kiri, li għalih sid il-kera principali huwa totalment estraneu, u li huwa nettament distint mill-kuntratt originarju tal-kera prinċipali (ċfr. Abello, Della Locazione, Vol. I, p. 574); u għalhekk, a differenza taċ-ċessjoni, ma hemmx sempliċi trasferiment ta' l-istess drittijiet mis-sublokatur għas-subinkwilin, iżda jinħolqu drittijiet godda, li però ma jistgħux jippreġudikaw lil sid il-kera prinċipali. U huwa in forza ta' dawk id-drittijiet godda li s-subinkwilin jista' jgawdi l-fond u jeżerċita l-azzjonijiet tiegħu. Preċiżament minħabba dan, quddiem sid il-kera prinċipali s-subinkwilin jista' jgawdi l-fond u jeżerċita l-azzjonijiet tiegħu. Preċiżament minħabba dan, quddiem sid il-kera prinċipali s-subinkwilin huwa terza persuna;

Ikkunsidrat;

Illi għalhekk, f'kawża bejn il-lokatur u l-konduttur għall-iżgumbrament, is-subkonduttur mhux rappreżentat mill-konduttur, għax is-subkonduttur mhux rikonoxxut ma għandux rapporti diretti mal-lokatur, u għal dana, kif ġa ntqal, huwa terza persuna. Igħid il-Cuzzeri:— "Siccome il subconduttore non ha che i diritti del suo locatore, parebbe che la cosa giudicata contro di questi dovesse colpire anche lui, salvo il caso di frode. Ma si risponde che il subconduttore, come tutti gli altri aventi causa a titolo particolare, non è obbligato dagli atti che emanano dal suo autore che allorquando sono anteriori alla origine del suo diritto. Relativamente agli atti posteriori il subconduttore è un terzo". U għalhekk dak l-awtur ikompli jirraguna li "quindi l'opposizione deve essergli concessa se la sentenza che ha risolto la locazione è posteriore alla subconduzione". Dana preċiżament għax huwa terza persuna, u għalhekk ma għandux ir-rimedju tar-ritrattazzjoni (Il Codice di Procedura Civile, Vol. VI, art. 510, no. 4, p. 45);

Ikkunsidrat;

Illi għaldaqstant immela, bħala terza persuna f'dak il-gudikat li fuqu l-appellat irid jagħmel ir-ritrattazzjoni, l-ap-

pellat ma jistax jigi kunsidrat bħala parti "per representationem", u għalhekk ma għandux ir-rimedju tar-ritrattazzjoni. Iżda jekk dak il-ġudikat jippreġudikah, kif jidher li seta' jippreġudikah, in kwantu temm il-lokazzjoni li bis-saħħa tagħha huwa seta' jkollu s-subinkwilinat, u in vista tad-dritt li jista' jkollu bis-saħħa tan-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 327 ta' l-1945, huwa għandu jagixxi b'azzjoni proprja f'kawża separata skond il-liġi, biex jiġi investigat u deċiż il-meritu taddritt li jippretendi relativament għall-fond in kwistjoni;

Għal dawna r-raġunijiet il-Qorti tilqa' l-appell ta' l-appellant, tirrevoka s-sentenza tal-Board li jirregola l-Kera tas-6 ta' Settembru 1950, u tilqa' l-eċċezzjoni preliminari ta' l-appellant; u għalhekk tiċħad it-talba ta' l-appellat għar-ritrattazzjoni, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu; salvi lill-appellat kull xorta ta' dritt u azzjonijiet oħrajn, jekk u skond il-liġi.